MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 833/2003

**Alfred u Christine konjugi ABELA**

**vs**

**Joseph DIMECH**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-13 ta' Awissu, 2003, li bih l-atturi talbu li l-Qorti tiddikjara lill-imħarrek ħati ta' ħabta bejn żewġ karozzi li seħħet fil-Kalkara fit-3 ta' Lulju, 2002, u li l-istess imħarrek jagħmel tajjeb għall-ħsara li ġarrbu. L-attriċi, li tgħid li fl-imsemmi inċident ġarrbet ġrieħi li ħallewlha debilita' li ma tgħaddix, qegħda titlob ukoll kumpens;

Għall-imsemmija azzjoni, l-imħarrek laqa' b'Nota mressqa minnu fit-23 ta' Ottubru, 2003, u li fiha huwa jiċħad li kien jaħti għall-ħabta. Iżid jgħid li l-atturi diġa' ngħataw kumpens mingħand il-kumpannija assikuratriċi u li ma

jaċċettax li huma jew min minnhom sofrew id-danni li qegħdin jippretendu. Minbarra dan, jgħid li l-atturi għamlulu l-ewwel talba għall-ħlas ta' somma bħala dannu wara li kienu diġa' fetħu din il-kawża;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-27 ta' Novembru, 2003, li jgħid li l-provi li kellhom jitressqu l-ewwel kellhom ikunu limitati għall-kwestjoni tar-responsabbilta' tal-ħabta;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-30 ta' Novembru, 2004[1], li biha qalu li joqogħdu għal dak li jirriżulta mill-atti tal-kawża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Novembru, 2004, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar min jaħti għall-ħabta;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti tirrigwarda ħabta li seħħet fit-3 ta' Lulju, 2002, fi Triq ix-Xatt, Kalkara, għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar. F'dan il-każ, il-ħabta seħħet bejn żewġ karozzi sejrin fl-istess direzzjoni. Il-karozza misjuqa mill-attur kienet quddiem dik misjuqa mill-imħarrek x'ħin seħħet il-ħabta;

Illi mill-<u>fatti ewlenin li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-attur kien qiegħed isuq il-karozza tiegħu tal-għamla *Honda Civic* reġistrata IAO-835. Miegħu kellu rekbin lil martu, bilqegħda ħdejh, u lil binthom, bilqegħda warajhom. L-imħarrek kien qiegħed isuq vann tal-għmala *Isuzu TFR* reġistrat BAG-269. L-attur kien qiegħed isuq bil-mod wara karozza oħra. F'dan il-ħin, ħass daqqa qawwija fuq in-naħa ta' wara. Mad-daqqa, tilef il-kontroll tal-karozza u

[1] Paġ. 43 tal-proċess

baqa' tielgħa fuq il-bankina tan-naħa tax-xellug tiegħu[2]. Il-ħsara fil-karozza tiegħu kienet fuq il-bagoll ta' wara u l-inħawi tal-lemin warrani tal-karozza sal-bieba ta' wara. Il-ħsara fil-karozza misjuqa mill-imħarrek kienet fuq quddiem u n-naħa xellugija ta' quddiem[3]. Jirriżulta li t-temp kien bnazzi u t-triq kienet asfaltata lixxa u xotta[4];

Illi jirriżulta wkoll li bejn il-karozza misjuqa mill-attur u dik misjuqa mill-imħarrek, kien hemm vettura oħra li, f'ħin minnhom ippruvat taqbeż lil dik misjuqa mill-attur. L-imħarrek jgħid li, kien minħabba f'hekk li nħasad u baqa' dieħel fil-karozza misjuqa mill-attur[5]. Żied ifisser li għalkemm kien bogħod mill-karozza ta' qablu (jiġifieri dik li jgħid li kienet qabżet lill-karozza misjuqa mill-attur), xorta ħabat mal-karozza tal-attur u ma applikax il-*brakes.* Il-ħabta saret għaliex l-attur kien qiegħed isuq aktar bil-mod minnu;

Illi f'Lulju tal-2002, l-attur tħallas mingħand il-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek għas-saldu tal-ħsara li ġarrab fil-karozza minħabba l-ħabta[6]. Il-kawża nfetħet fit-13 ta' Awissu, 2003;

Illi meta wieħed jiġi biex iqis <u>min għandu jitqies responsabbli għall-ħabta</u>, il-fatt ewlieni li wieħed irid iżomm quddiem għajnejh huwa li l-karozza misjuqa mill-attur intlaqtet mill-karozza misjuqa mill-imħarrek fuq wara u dan meta ż-żewġ vetturi kienu sejrin fl-istess direzzjoni. Dan il-fatt jitfa' preżunzjoni ta' ħtija fuq l-imħarrek għaliex f'każ ta' ħabta bħal din, huwa dejjem is-sewwieq tal-vettura ta' wara li għandu jinżamm responsabbli għall-ħabta, billi huwa jmissu jżomm "a proper lookout" ta' dak li jiġri quddiemu, iżomm bogħod biżżejjed bejnu u l-karozza li tkun qegħda tinsaq quddiemu, u jkun f'qagħda li jista' jieħu miżiru f'waqthom biex jevita l-ħabta mal-karozza ta' quddiemu[7];

---

[2] Xhieda ta' P.S. 91 Buttiġieġ 16.6.2004, f'paġ. 37 tal-proċess
[3] Dok "MBA", f'paġ. 32 tal-proċess
[4] Dok "MBB", f'paġ. 34 tal-proċess
[5] Xhieda tiegħu 30.11.2004, f'paġ. 45 tal-proċess
[6] Dok "JD1", f'paġ. 17 tal-proċess
[7] P.A. AJM **3.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Atlas Insurance Agency Ltd. vs Charles Sciberras***

Illi, madankollu, mhux kull sewwieq li jaħbat ma' karozza li tinzerta quddiemu x'ħin isseħħ il-ħabta tabilfors jirriżulta ħati ta' dik il-ħabta: dan iseħħ meta s-sewwieq ta' quddiem ifettillu jibdel il-korsija u jidħol f'dik tas-sewwieq li ġej minn warajh[8] għall-għarrieda u jaħsad lil dan. Dan jgħodd ukoll f'każ li s-sewwieq ta' quddiem ikun għamel sinjal li sejjer jaqleb il-korsija jew ser idur għal xi ġenb[9], u dan billi l-mixegħla waħedha tal-*indicator* m'hijiex liċenzja li tagħti jedd assolut lis-sewwieq li jkun u teħilsu minn kull responsabbilta' rigward kull min ikun ġej warajh. It-tħaddim tal-*indicator* huwa miżura għaqlija ta' sewqan responsabbli, li madankollu mhix aktar minn turija tal-intenzjoni tas-sewwieq dwar dak li feħsiebu jagħmel f'distanza raġonevoli 'l quddiem;

Illi, kif ingħad, il-prova li l-attur wettaq manuvra bħal din irid iressaqha s-sewwieq li kien ġej minn wara. Biex tirnexxi din id-difiża, l-imħarrek ried iġib provi xierqa u tajbin biżżejjed, u mhux joqgħod fuq sempliċi allegazzjoni. F'din il-kawża, l-imħarrek ma qanqal l-ebda kwestjoni bħal din, u lanqas imqar implika li l-attur kien qiegħed iserrep bejn korsija u oħra jew li kien qiegħed jaqla' l-karozza li kellu quddiemu. Huwa illimita l-verżjoni tiegħu biex jimplika sewwieq ieħor li jgħid li kien bejnu u l-vettura misjuqa mill-attur, liema sewwieq ma ġie bl-ebda mod identifikat;

Illi din il-verżjoni m'hijiex biżżejjed, fil-fehma tal-Qorti, biex taqla' lill-imħarrek mir-rabta tal-ħtija għall-ħabta għaliex huwa stabilit li l-imħarrek ma jista' jitfa' l-ebda ħtija fuq terza persuna li m'hijiex fil-kawża, billi d-difiża tat-terz mhux identifika jew magħruf m'hijiex sostenibbli u ma f'azzjoni msejsa fuq il-ħtija ma tista' tintefa' l-ebda ħtija fuq min m'huwiex fil-kawza[10]. Dan huwa wkoll prinċipju mħares mil-liġi fl-artikolu 1050(1) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi, b'żieda ma' dan, il-fatti kif jixhidhom l-imħarrek innifsu jwasslu lill-Qorti għall-fehma li huwa kważi jistqarr li ma kienx qiegħed iżomm l-attenzjoni u l-għaqal meħtieġ waqt

[8] P.A. TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Ltd. vs Paul Portelli***
[9] App. Krim.Inf. DS **29.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Mario N. Grech***
[10] Ara, per eżempju, P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et**

is-sewqan tiegħu u li ma wera li għamel xejn biex jevita l-ħabta jew li kien f'kontroll tal-karozza misjuqa minnu biex seta' jevitaha;
Illi fuq dawn il-konsiderazjonijiet il-Qorti qegħda ssib lill-imħarrek waħdu responsabbli għall-ħabta mertu tal-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrek waħdu jaħti għall-ħabta li seħħet fit-3 ta' Lujlu, 2002, fi Triq ix-Xatt, Kalkara, bejn il-vettura IAO-835 misjuqa mill-attur u l-vettura BAG-269 misjuqa minnu, u dan minħabba sewqan bla għaqal u b'nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tas-sewqan; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jissokta bil-ġbir tal-provi dwar id-danni mġarrba mill-atturi;

**L-ispejjeż** ta' din is-sentenza jitqiesu mas-sentenza tal aħħar.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------